**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Kump 661/2016**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Maurice Curmi)**

**vs.**

**Soliman Hosam**

Illum il-31 ta' Lulju 2020

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontro l-imputat Hosam Soliman ta' 40 sena bin Mohamed Soliman u Huda nee' Arafa imwieled Egittu fl-1 ta' Gunju 1976 u joqghod 56 'Gold Medal Flats', Flat H, Triq il-Hgejjed, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' numru 335098M akkużat talli:

1. Fit-8 ta' Settembru 2016 għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu (06:00 *hrs*) fi Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar, mingħajr il-ħsieb li toqtol jew

li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f' periklu ċar, ikkaġunajt offiża gravi fuq il-persuna ta' Sameh Abbas El Sayed Adam detentur tal-karta tal-identita' maħruġa l-Italja numru 106086016, skont kif iċċertifikat t-Tabib Ivan Micallef MD (Numru tar-Reġ. 2322), mil-*Mosta Health Centre*, ai termini tal-Artikoli **214 u 218** tal-Kodiċi Kriminali, **Kap 9** tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli **532A, 532B u 533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kap. 9** tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2020 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti.[3]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar l-4 ta' Gunju 2018 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jinstab hati u cioe[4]:

[1] Folio 15 ta' l-atti processwali
[2] Folio 59-61 ta' l-atti processwali
[3] Folio 60 ta' l-atti processwali
[4] Folio 50 ta' l-atti processwali

a. Fl-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta datata 30 ta' Jannar 2020, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat separatament jekk kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u il-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[5]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-30 ta' Jannar 2020.[6]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-5 ta' Marzu 2020.[7]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

[5] Folio 65-66 ta' l-atti processwali
[6] Folio 61 ta' l-atti processwali
[7] Folio 71 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw.

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal incident li kien sehh fit-8 ta' Settembru 2016 meta l-ghassa tal-Mosta gew infurmati mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta li kien hemm persuna maskili ta' nazzjonalita' barranija li kien qed jallega li qala daqqa ta' sikkina. Il-vittma spjega lil-pulizija li l-imputat li joqghod fl-istess blokka ta' bini mal-allegat vittma gie attakat minnu b'mus u tah daqqa go wiccu u fuq haddejh filwaqt li beda joffendieh b'ommu u missieru.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**L-Ispettur Maurice Curmi**[8], stazzjonat l-għassa tal-Qawra, xehed fis-seduta tal-1 ta' Frar 2018 fejn huwa spjega li fid-9 ta' Settembru 2016 għall-ħabta tas-7:15am il-pulizija tal-Qawra kienu infurmati mill-Mosta Health Centre li kien daħal bniedem mhux identifikat ta' nazzjonalità barranija fejn ġie trattat minħabba xi ġrieħi li kellu fuq wiċċu li allegatament kienu kkawżati apposta minn xi ħadd b'sikkina. Il-pulizija mill-Għassa tal-Mosta marru mill-ewwel hemmhekk, fejn sabu lil dan il-vittma bl-isem ta' Abbas El Sayed Adam ta' nazzjonalità Eġizzjana. Dan qal li għall-ħabta tas-6:00am waqt li kien qiegħed fi Triq il-Ħġejjeġ faċċata tal-blokk flats fejn kien jirrisjedi dak iż-żmien, huwa qal li ra lill-imputat Hosam Soliman li kien ġar tiegħu. Wara li sellmu lil xulxin, ra lil Soliman idaħħal idu f'basket li kellu f'idejh u minn hemm ħareġ mus żgħir u taħ daqqa bih fuq wiċċu filwaqt li beda jinsolentah. Induna x'kien ġara meta ra ħafna demm iċarċar ma wiċċu. Il-vittma ġie eżaminat mit-tabib Ivan Micallef fejn dan ħareġ ċertifikat li kien sofra ġrieħi gravi minħabba l-marka li kien ser tibqa' fil-wiċċ. Ix-xhud spjega li imbagħad bagħat għall-imputat biex ikellmu fejn dan ingħata s-solita twissija u wara li rrinunzja għall-assistenza legali ta stqarrija fejn ċaħad kategorikament li qatt xi darba assalta b'xi mod lil Abbas El Sayed Adam u li fis-6:00am, il-ħin tal-allegat assalt, huwa kien qed jistenna tal-linja ħdejn Giormina supermarket fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar, sabiex imur ix-xogħol. Mill-banda l-oħra kkonferma li kien ġar tal-allegat vittma. L-imputat kien stqarr li kien hemm persuna oħra, ċertu Sammy Ibrahim Yusef li jgħix fl-istess flat tiegħu u li ra l-inċident fejn il-vittma ġie assaltat minn xi nies ta' karnaġġjon skur. Dan il-persuna qal li għall-ħabta tal-4:30am tat-8 ta' Settembru 2016 sema' xi nies jgħajjtu barra fit-

[8] Folio 29-31 ta' l-atti processwali

triq u ttawwal mit-tieqa u ra lil Abbas Al Sayed Adam Sameh u lil Al Sayed Ahmed Abdelasami Gebril jiġġieldu ma′ xi nies ohra ta′ nazzjonalità Afrikana fi Triq il-Ħġejjeġ barra l-flats. Ix-xhud kellem ukoll lil AI Sayed Ahmed Abdelasami Gebril fejn dan ċaħad li kien kien flimkien mal-kwerelant jiġġieldu ma' xi nies ta' nazzjonalità Afrikana u kkorrobora l-verżjoni mogħtija mill-kwerelant Saleh Abbas El Saved Adam. Minħabba li kien hemm konflitt ta′ xhieda, ix-xhud spjega li prova jittraċċja xi filmati CCTV miż-żona imma dan irriżulta fin-negattiv.

**L-Ispettur Christina Delia**[9], illum stazzjonata fl-għassa Birkirkara, xehdet fl-istess seduta. Hija spjegat li hija kienet qiegħda xogħol ġewwa l-għassa tal-Qawra fejn għall-ħabta tal-10:00am kien mar ċertu Sameh Abbas El Sayed Adam li kien qal li l-persuna relatata kienet irritornat id-dar. Hija flimkien mal-vittma irrikorrew fil-fond indikat fejn hemmek kien hemm l-imputat Hosam Soliman li minn naħa tiegħu stqarr li dakinhar filgħodu huwa ma kellu l-ebda argument u kif ukoll li kien jinsab xogħol. Hu stqarr ukoll li minħabba l-fatt li huwa ma kellux karozza, kien jitlaq għax-xogħol madwar siegħa qabel. L-imputat kien ipprovda ukoll timesheet tax-xogħol li keient tindika li dakinhar kien daħal għax-xogħol fis-7:25am. Saret ukoll tittxija ġewwa l-appartament kif ukoll ġewwa l-basket tax-xogħol tiegħu iżda ma nstab l-ebda mus.

[9] Folio 23-24 ta′ l-atti processwali

**WPS 224 Suzanne Mifsud**[10], stazzjonata l-Mosta, xehdet fl-istess seduta fejn hija stqarret li nhar it-8 ta' Settembru tal-2016 għall-ħabta tas-7:15am, waqt li kienet xogħol ġewwa l-Għassa tal-Mosta ġiet infurmata miċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta li kien hemm persuna maskili ta' nazzjonalità barranija li kien qed jallega li qala' daqqa ta' sikkina u li m'għandux dokumenti fuqu. Ix-xhud aċċediet fiċ-ċentru tas-saħħa fejn tkellmet ma ċertu Sameh Abbas El Sayed Adam fejn dan qalli li għall-ħabta tas-6:00am ta' dakinhar stess hu kien qiegħed barra l-post fejn joqgħod fi Triq il-Ħġejjeġ San Pawl il-Baħar fejn ra lil Hosam Soliman u Hosam sellimlu. Skond Sameh Abbas El Sayed huwa sellimlu lura. Hosam beda jgerger li kien beda l-ġurnata ħażin u daħħal idu fil-basket u ħareġ mus li ta daqqa lill-vittma bih fuq wiċċu filwaqt li beda joffendiħ b'ommu u missieru. Skont il-vittma, l-imputat jaħdem bħala xufier mal-Malta Public Transport. Ix-xhud ħadet ir-rapport tal-okkorrenza.

**PS 419 Anton Buttigieg**[11], stazzjonat l-għassa l-Qawra, xehed fl-istess seduta. Huwa stqarr li nhar it-8 ta' Settembru 2016 jien kont ġejt infurmat minn WPS 224 Suzanne Mifsud, is-surġent li kienet stazzjonata l-għassa tal-Mosta li kien mar wieħed hemmhekkk jagħmel rapport għall-fatt li kien qed jallega li qala' daqqa ta' sikkina mingħand xi ħadd ieħor. Aktar tard għall-ħabta tal-10:00 il-vittma aċċeda ġewwa l-Għassa tal-Qawra fejn ikkonfrma dak li rrapporta ġewwa l-għassa il-Mosta u meta beda jispjega fuq is-sikkina involuta huwa xebbaħħha ma mus tat-tip Opinel ta' lawn kannella. Il-vittma żied jgħid ukoll li l-aggressur kien

[10] Folio 19-20 ta' l-atti processwali
[11] Folio 21-22 ta' l-atti processwali

għeddu li filgħaxija ser jagħtih daqqa oħra ta' sikkina fuq in-naħa l-oħra ta' wiċċu.

**It-Tabib Dr Ivan Micallef**[12], jaħdem ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta, xehed ukoll fl-istess seduta fejn huwa kkonferma li fit-8 ta' Settembru 2016 fis-7:25am huwa eżamina lil Abbas Elsaid Adam (permess ta' residenza Taljan numru AR3286035) ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta. Dan kien allega li persuna oħra taħ daqqa u laqtu b'sikkina n-naħa tax-xellug ta' wiċċu. Ma ġarrabx ġrieħi oħra. Mill-eżami rriżulta illi l-vittma kellu qasma ta' madwar 10cm fin-naħa tax-xellug ta' wiċċu li ma kenitx fonda ħafna. Kienet tqaxxritlu l-leħja u saru *sutures strips*. Il-ġerħa hija waħda gravi minħabba l-possibilità ta' sfreġju peress li kienet fil-wiċċ. Ix-xhud ikkonferma ċ-ċertifikat relattiv bil-ġurament.

**Charlton Schembri**[13], *Claims & Compliance Officer* ma Malta Public Transport xehed fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020. Mistoqsi jekk l-imputat Hosam Soliman, xufier mal-kumpannija, kienx xogħol nhar id-9 ta' Settembru 2016 huwa spjega li mill-informazzjoni li għandha l-kumpannija huwa kien xogħol bejn it-8:32 am sa 7:29 pm. Ix-xhud ma kienx kapaċi jispjega f'liema depot kellu jirrapporta l-imputat sabiex jibda' l-ġurnata tax-xogħol.

[12] Folio 16-17 ta' l-atti processwali
[13] Folio 65-66 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Illi l-istqarrija ta' l-imputat Hosam ittiehdet nhar il-11 ta' Settembru 2016 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur (dak iz-zmien) Maurice Curmi wara li kien inghata is-soliti twissijiet u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[14].

L-istqarrija ta' l-imputat ittiehdet tlett ijiem wara dakinhar ta' l-incident, u cioe' fil-11 ta' Settembru 2016 fil-prezenza ta' l-Ispettur Maurice Curmi u PC 788 Keith Xerri. L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija.

Illi fl-istqarrija l-imputat ghazel li iwegeb ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz wara li rrifjuta li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni u jidhol f'certu dettal dwar l-incidenti[15].

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l-istqarrija li ġiet rilaxxata mill-imputat hijiex amissibbli u tistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġie irilaxxjata l-istqarrija tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrija in kwistjoni kienitx konformi mal-

[14] Folio 34 ta' l-atti processwali
[15] Folio 32-33 ta' l-atti processwali

interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrija tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti huwa ghazel li ma juzax. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[16] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[17] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

[16] Fit-28 ta' Novembru 2016
[17] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l- interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l- possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l- interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu*

*avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[18] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta′ l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-

[18] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[19] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[20] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata recentement fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[21] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din*

[19] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali

[20] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

[21] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[22]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[23]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

[22] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[23] Folio 14 tas-sentenza

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[24] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtenticità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[25]

Illi din is-sentenza gie recentemet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[26]

Din il-Qorti ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod

[24] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF
[25] Folio 25 tas-sentenza
[26] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrija u ma tqishiex bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-guddizju jindika l-artikolu 214 u 218 bhala dawk l-artikoli li bihom l-imputat ghandu jinstab hati.

L-artikoli 214 tal-Kodici Kriminali jghid:

*214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali (hekk kif inhu aggornat illum) jghid:

*(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin*[27] *–*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonqjew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

L-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali (hekk kif inhu aggornat illum), min-naha l-ohra, jghid hekk:

[27] Fiz-zmien mertu tar-reat il-piena kienet minn tliet xhur sa tliet snin

*218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar*[28] *snin –*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

*(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*

*(3) Il-pieni għar-reati msemmija fis-subartikolu (1) għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-artikolu 312(2), kemm-il darba l-offiża fuq il-persuna tkun saret bil-mezz ta' likwidu jew sustanza li jesplodu.*

Illi fl-artikoli ta' l-Avukat Generali ma hemmx indikazzjoni specifika ta' liema subartikolu fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali qieghed jindika li biha ghandu jinstab hati l-imputat. Illi dan ipoggi lill-Qorti f'forma ta' *fishing expedition* biex tiddeduci hi minn jeddha x'inhu l-hsieb tal-prosekuzzjoni u ta' liema kwalifika ta' reat gravi ghandu jinstab hati l-imputat. Illi dan iservi biss biex johloq incertezza fuq il-kaz tal-prosekuzzjoni u jpoggi fid-dubbju l-intenzjoni tal-prosekuzzjoni.

Filwaqt li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ggibx ebda nullita ta' procedura, il-Qorti tqis li huwa fid-dmir ta' l-Avukat Generali li f'dawn ic-

[28] Fiz-zmien mertu tar-reat il-piena kienet minn disa xhur sa disa snin

cirkostanzi jippreciza l-imputazzjonijiet meta jinhargu l-artikolu ghal-gudizzju.

Il-Qorti, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz qieset dak li jghid l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali ta' Malta:

*(1)(b) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Il-Qorti tosserva wkoll li l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju ma jindikax l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali li huwa reat minuri li huwa kompriz u involut fir-reati iktar gravi prospettati fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Borg**[29]

*"Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' latt tal-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha."*

[29] Moghtija fl-10 ta' Novembru 2005

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** fejn il-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant talfatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fiddawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[30]

Di piu', fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[31] intqa hekkl:

*"… ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana**[32] fejn id-distinzjoni bejn l-artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali giet spjegata:

---

[30] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004
[31] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996
[32] Deciza 5 ta' Frar 1998

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fittermini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) talKodici Kriminali."*

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**[33],

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre lgravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

Illi l-Qorti tosserva wkoll li minkejja li l-incident allegatamemt sar b'mus u b'hekk oggett b'xafra, bil-ponta jew simili, ma tressqux akkuzi fir-rigward jekk il-pussess ta' dan is-strument kienx b'licenzja skond il-

[33] Deciz fit-2 ta' Settembru 1999

Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta jew l-artikolu 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Avukat Generali fir-rinviju tal-11 ta' Mejju 2018[34] jaghmel din it-talba sabiex issir emenda fil-komparixxi u jizdiedu dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Madankollu fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2018[35] l-prosekuzzjoni iddikjarat *"li minkejja li l-allegazzjonijiet li l-vittma soffra griehi maghmulin b'xi haga bil-ponta, mit-tfittxija li sar wara l-incident ma nstab xejn allura l-Prosekuzzjoni thoss li din ma tistax tigi ippruvata."*.

Ghaldaqstant kif inhu ben risaput meta Qorti Istruttorja tigi konvertita' f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali li jkun hemm rinviju da' parti ta' l-Avukat Generali, l-Qorti tal-Magistrati tkun marbuta strettament bl-artikolu citati mill-Avukat Generali biss. F'dawn ir-rigward vide is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Vella[36], Il-Pulizija vs Enrico Petroni et[37], Il-Pulizija vs Joseph Aquilina[38]** u **Il-Pulizija vs Michael Carter[39].**

**Ikkunsidrat**

**Piena applikabbli ta' l-artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali**

Illi l-incident mertu ta' dan il-kaz sehh f'Settembru tas-sena 2016.

---

[34] Folio 45 ta' l-atti processwali
[35] Folio 47 ta' l-atti processwali
[36] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Jannar 1996
[37] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998
[38] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April, 2002
[39] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta Dicembru, 2001

Illi fiz-zmien ta' l-incident il-piena applikabbli ghar-reat skont l-artikolu 216 kien dak ta' perjodu ta' prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin.

Illi fiz-zmien ta' l-incident il-piena applikabbli ghar-reat skont l-artikolu 218 kien dak ta' perjodu ta' prigunerija minn disa' xhur sa disa snin.

Illi kien bl-introduzzjoni ta' l-Att Numru XIII tal-2018 li saret emenda fil-ligi fis-sens li l-piena ghar-reat skond l-artikolu 218 zdied ghall-piena ta' prigunerjia ghal perjodu minn hames snin sa ghaxar snin u fil-kaz ta' l-artikolu 216 ghal perjodu ta' prigunerija minn tlett xhur sa tlett snin.

Peress li l-Att XIII tal-2018 dahal fis-sehh f'April tas-sena 2018, ghaldaqstant, l-imputat ghandu, jekk jinstab hati, jinghata l-piena applikabli skond il-perjodu taz-zmien meta sehh ir-reat (ossija f'Settembru 2016) u mhux kif emendata illum.

**Ikkunsidrat**

**Provi li tressqu**

Il-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku tat-tabib Dr. Ivan Micallef Med Reg Numru 2322 fejn iccertifika li l-vittma sofra griehi gravi minhabba possibilita' ta' sfregju.[40] Fix-xhieda tieghu t-tabib jispjega li l-*"allegat persuna tah daqqa' u laqtu b'sikkina n-naha tax-xellug ta' wiccu… kellu qasma fin-naha tax-xellug ta' wiccu. Ma kenitx fonda hafna. Kienet madwar 10cm tul. Peress li l-ferita ma kenitx fonda tqaxritlu l-lehja u sarulu punti apposta…"*[41]

[40] Folio 18 ta' l-atti processwali
[41] Folio 16 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Maurice Curmi jirrizulta li l-imputat ta daqqa ta' mus f'wicc il-vittma ghall-ebda raguni specifka hlief ghax qam b'burdata hazina. Meta ra li kellu d-demm niezel minn ma' wiccu mar ic-Centru tas-Sahha l-Mosta ghall-kura. Illi dan kollu gie ikkoroborat mix-xhieda ta' WPS 224 Suzanne Mifsud u PS 419 Anton Buttigieg. Fil-prezenza ta' PS 419 il-vittma kkonferma l-mus ezatt li ntuza mill-imputat.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Curmi jirrizulta li mill-investigazzjoni certu Sammy Ibrahim Yusef li kien jghix fl-istess apartament ma l-imputat *"ra l-incident kollu mit-tieqa tal-kamra tas-sodda fejn joqghod u ra xi nies ta' kulur skur jassaltaw lil dan il-complainant.*[42] Dan ix-xhud ghamel referenza wkoll ghal persuna ohra li kien prezenti, certu Al Sayed Ahmed Abdelasami Gebril li gie mitkellem mill-pulizija.

Madankollu l-Avukat Generali ma talabx li dawn ix-xhieda jinstemghu u l-prosekuzzjoni ma ressqux dawn ix-xhieda okulari li possibilment setghu kienu ukoll xhieda imparzjali u li setghu jitfghu aktar dawl fuq kif sehh l-incident mertu ta' din il-kawza.

Il-Qorti tqis li b'hekk hija giet imcahhda mill-opportunita' li tisma' u tqis xhieda ta' persuni li, fl-ahhar mill-ahhar, mhumiex involuti direttament fl-incident. Li kieku tressqu, possibilment din il-Qorti setghet tevalwa l-provi wkoll a bazi ta' dak li raw u semghu u setghu iservu ta' bilanc jew kjarifika ta' kif graw l-affarijiet.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Christina Delia irrizulta li l-vittma indika l-post ta' l-incident u r-residenza ta' l-imputat. Minn tfitxxija tar-residenza ta'

[42] Folio 30 ta' l-atti processwali

l-imputat ma instab ebda mus jew oggett iehor simili. L-imputat wera l-Ispettur ukoll log sheet li uriet il-hin tas-7.25am bhala l-hin li wasal xoghol.

Finalment il-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil Charlton Schembri li xehed li l-imputat nhar id-9 ta' Settembru 2016 kien xoghol dak in-nhar u pprezenta prova f'dan ir-rigward. Huwa nnottat li l-incident sehh fit-8 ta' Settembru 2016 u mhux fid-9 ta' Settembru 2016. Madankollu d-dokument esebit[43] ggib id-data tat-8 ta' Settembru 2016 li hija d-data ta' l-incident in kwistjoni u juri il-hin tad-dhul ghax-xoghol bhala 08.32. Skond il-prosekuzzjoni l-incident sehh ghall-habta tas-sitta ta' filghodu qabel l-imputat mar ghax-xoghol.

Il-prosekuzzjoni ma ressqitx il-kwerelant, cioe il-vittma Sameh Abbas El Sayed Adam minhabba li baqa' ma giex intraccat u ma kienx ghadu joqghod fil-post fejn kien jirrisjedi dak iz-zmien. Il-pulizija talbu wkoll biex l-Immigration Police biex jekk ikun hemm indikazzjoni tal-moviment tal-vittma jigu infurmati. Il-verzjoni tal-vittma tinsab fir-rapport tal-pulizija.[44] Minkejja dan, din il-verzjoni, il-Qorti, kif spjegat hawn fuq ma kellhiex il-beneficcju li tisma' din il-verzjoni mill-vittma stess u l-istess imputat ma kellux l-opportunita' jezercita d-dritt tieghu tal-kontroezami. Minghajr ebda dubju l-iktar xhud important f'dan il-kaz huwa l-vittma stess li ghamel il-kwerela u sofra l-griehi. Minghajr ix-xhieda tieghu, il-kaz tal-prosekuzzjoni ma jistax jistrieh fuq l-iktar prova krucjali ghal-kaz.

---

[43] Dok CS1, Folio 69 ta' l-atti processwali

[44] Folio 26-27 ta' l-atti processwali

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li ma tressqux provi sufficjenti sabiex tinstab htija ta' l-imputat sal-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tillibera lill-imputat.

**Decide**

Ghaldaqstant Illi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 218, 17, 31, 533, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Hosam Soliman **mhux hati** ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u tilliberrah minn kull htija u piena.

In vista tal-fatt li l-imputat gie liberat kif ukoll li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Deciza illum nhar il-31 ta' Lulju 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja Valletta, Malta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorriane Spiteri**

**Deputat Registratur**